



Dokument ta' sessjoni

A8-0325/2016

14.11.2016

*****II**

ABBOZZ TA' RAKKOMANDEZZJONI GĦAT- TIENI QARI

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 li jstabilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet (11309/1/2016 – C8-0403/2016 – 2012/0236(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Diane Dodds

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa korsiva u grassa fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa korsiva u grassa. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	7

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1342/2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet
(11309/1//2016 – C8-0403/2016 – 2012/0236(COD))**

(Proċedura legiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11309/1/2016 – C8-0403/2016),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012¹,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari² dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0498),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 76 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0325/2016),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 44, 15.2.2013, p. 125.

² ĠU C 65, 19.2.2016, p. 193.

NOTA SPJEGATTIVA

Fit-12 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 1342/2008 (COM(2012) 498 final) bl-għan li jittejbu u jiġu kkjarifikati d-dispożizzjonijiet ta' dan tal-aħħar. Fid-19 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill, mingħajr ma inkluda d-dispożizzjonijiet kollha tal-proposta għal regolament (COM(2012) 498 final), adotta regolament, filwaqt li għażel bħala bażi legali l-Artikolu 43(3) TFUE u fejn inkluda biss l-emendi relatati mal-Artikoli 9 u 12 tar-Regolament Nru 1342/2008. Azzjonijiet għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE ittieħdu fl-14 ta' Marzu 2013, kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-Kummissjoni. Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' April 2013, il-Kawżi C-124/13 (Parlament) u C-125/13 (Kummissjoni) ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza. B'mod simili, permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2013, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża u r-Repubblika tal-Polonja ġew ammessi sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kunsill. Il-Qorti tat is-sentenza tagħha fl-1 ta' Diċembru 2015 u annullat ir-Regolament tal-Kunsill, li jfisser li l-Qorti tal-Ġustizzja qablet mal-Parlament u l-Kummissjoni.

Sadattant, il-Parlament, wara vot fil-Kumitat PECH fit-23 ta' April 2013, adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-11 ta' Ġunju 2013 dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Wara s-sentenza tal-QEĠ, il-Kumitat PECH adotta mandat għan-negozjati mal-Kunsill fid-19 ta' April 2016 u l-fajl ġie konkluż f' trilogu uniku fid-29 ta' Ġunju 2016. Il-ftehim, li jimplementa l-prinċipji tal-Politika Komuni tas-Sajd il-ġdida u jappoġġa l-implimentazzjoni tagħha, ġie aċċettat mill-Kumitat PECH fil-11 ta' Lulju 2016.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	L-istabbiliment ta' pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet
Referenzi	11309/1/2016 – C8-0403/2016 – 2012/0236(COD)
Data tal-1 qari tal-PE - Numru P	11.6.2013 T7-0244/2013
Proposta tal-Kummissjoni	COM(2012)0498 - C7-0290/2012
Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja ta' meta l-Parlament irċieva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari	6.10.2016
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 6.10.2016
Rapporteurs Data tal-ħatra	Diane Dodds 4.2.2015
Eżami fil-kumitat	11.10.2016
Data tal-adozzjoni	9.11.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Alain Cadec, Richard Corbett, Diane Dodds, Linnéa Engström, Ian Hudghton, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, António Marinho e Pinto, Gabriel Mato, Ulrike Rodust, Peter van Dalen, Jarosław Wałęsa
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ole Christensen, Jørn Dohrmann, Francisco José Millán Mon
Data tat-tressiq	14.11.2016